# Kemmuna

## Susan Cassar





Kemmuna hija gżira li tinsab bejn il-gżira ta' Malta u Għawdex u b'mod amministrattiv din il-gżira tifforma parti mir-raħal tagħna ta' Għajnsielem. Sfortunatament għandna t-tendenza li xi kultant ninsew li din il-gżira tagħmel parti minn Malta u Għawdex kif jgħid perfettament il-poeta Ġorġ Pisani fil-poeżija Kemmuna:

*" Waħdek, ħosbiena f'nofs il-baħar tagħna,*
*bla ħoss, bla ġrajja, bla tbissima, bla dija,*
*x'inti titħasseb f'dan is-skiet saħħari,*
*gżira minsija? "*

Qatt ħsibt xi tfisser il-kelma "Kemmuna"? Ma hemmx risposta waħda għal din il-mistoqsija imma skont il-Griegi din il-kelma tfisser *Festa*. Oħrajn bħall-istudjużi Ptolemy u Ovid jgħidu li din il-kelma ġejja mill-kelma Għarbija *Cosyra* li tfisser gżira. Scileus kien jirreferi għal Kemmuna bl-isem *Lampas* li kienet tfisser "qrib ta".



Il-kittieb Agius De Soldanis fil-ktieb " *Gozo : Ancient and Modern Religious and Profane"* jgħid illi jemmen li Kemmuna kienet abitata daqskemm kienu abitati Malta u Għawdex minħabba li fil-maġġor parti ta' din il-gżira hemm ħamrija fertili. Illum kif kulħadd jaf Kemmuna għandha populazzjoni żgħira ħafna ta' erba' min-nies.

U x'kienet l-importanza ta' din il-gżira storikament? Storikament Kemmuna kienet dependenti fuq il-Gvern ta' Għawdex magħruf bħala Università. Sajjieda Għawdxin li kienu jaqsmu bid-dgħajjes tagħhom minn Għawdex għal Malta kienu jibżgħu mill-pirati tal-baħar li dawn tal-aħħar kienu jiffrekwentaw il-gżira ta' Kemmuna. Għal dan il-għan il-*Viceroy t*a' Sqallija bil-għajnuna tal-Gran Mastru Fra Alof de Wignacourt bena torri minn fejn setgħet issir l-għassa. Illum dan it-torri huwa magħruf bħala t-torri ta' Santa



Marija u kien l-inġinier Fra Vittorio Cassar li ħareġ b'disinn tiegħu. Fi żmien il-Franċiżi it-torri ta' Santa Marija kien iservi bħala ħabs. Sfortunatament meta Malta ġiet maħkuma mill-Ingliżi, Kemmuna ġiet abandunata kompletament, madankollu t-torri kien reġa' sar utli għall-Maltin fiż-żmien il-Gwerra. Illum il-ġurnata dan it-torri nistgħu ngħidu li hu sit storiku għat-turisti li jżuru din il-gżira. F'din il-gżira nsibu wkoll kappella żgħira magħrufa bħala l-Kappella ta' Santa Marija li inbniet fl-1618 imma kienet restawrata diversi drabi.



Naturalment wieħed isib ukoll diversi bajjiet f'din il-gżira bħar-Ramla ta' Santa Marija fejn isiru ħafna *"campings"* u *"picnics"*, il-Bajja ta' San Niklaw u l-famuż *Blue Lagoon* li fl-opinjoni tiegħi jekk huwa permessibbli u mingħajr ma nidħol f'kontroversji naħseb li għandna nibżgħu aktar għalih u nżommuh bħala bajja pubblika u mhux b'inkiss inkiss inbiddluh f'bajja privata.

Apparti li din il-gżira tiġi ffrekwentata min-numru kbir ta' turisti, diversi *films* popolari madwar id-dinja kollha ġew ukoll meħudha f'Kemmuna bħal films *Troy*, *The Count of Monte Cristo* u *Swept Away*. Għandu jkun unur kbir għalina mhux biss bħala Maltin u Għawdxin iżda bħala Għajnselmiżi li *films* bħal dawn ġew meħuda f'Kemmuna.

Qabel ma nispiċċa dan it-tagħrif li qsamt miegħek naħseb li Ġorġ Pisani permezz tal-poeżija tiegħu ried iwasslilna messaġġ li għandna nieħdu iżjed ħsieb din il-gżira daqstant għażiża u mhux nabbandunawha u nħalluha waħedha. Ma rridux ninsew li din hija parti minna u rridu nkunu responsabbli u nieħdu ħsiebha daqskemm nieħdu ħsieb lil Malta u lil Għawdex. Irrid ngħid li ma' aħniex qed nabbandunawha kompletament, però rridu nagħtuha iktar importanza lil din il-gżira u li fi żgur nemmen li bi ftit iżjed attenzjoni kapaċi nagħmlu dan!

